**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 305/2022 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**KB**

**U**

**AD gia B**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' KB u AD gia B datat 31 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 (tmintax) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Wied il-Ghajn u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta b'certifikat numru 225/2004, anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg kellhom tewmin wahda bl-isem ta' EB u l-ohra bl-isem ta' KB. Ilkoll twieldu f'X*

3. *Illi l-partijiet xoljew u llikwida il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Kathleen Sare datat tletin (30) ta' Marzu tal-elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), kuntratt esebit anness u mmarkat Dok 'B';*

4. *Illi l-ebda amont f'manteniment m'hu dovut bejn il-konjugali B stante li l-*

*partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni anness;*

5. *Illi l-ammont f'manteniment dovut ghaf-favur tal-minuri EB u KB kif delinjat fi klawzola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' separazzjoni dejjem thallas u ma jezistu l-ebda arretrati;*

6. *Illi tenut kont li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni u li qieghdin jghixu hajjiet totalment separati, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

7. *Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju ta' bejn il-partijiet.*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal otteniment tad-Divorzju skont l-Artikolu 66A u 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun fir-Registru Pubbliku.*

*Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-partijiet ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti,.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 22 ta' Settembru 2022 li permezz taghha l-partijiet ppresentaw l-affidavit taghhom;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KB xehdet** (vide affidavit fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-18 ta' Marzu 2004 u li minn dan iz-zwieg twieldu tewmin. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Marzu 2022 fl-atti tan- Nutar Dr Kathleen Sare'. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**AD gia B xehdet** (vide affidavit fol 17) u kkonfermat u kkoorroborat dak li xehed KB.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Marzu 2004, liema zwieg jgib certifikat numru 225/2004 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tewmin, illi ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Kathleen Sare' nhar it-30 ta' Marzu 2022 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta

illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 225/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**